MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 133/2003

**Carmel sive Charles jew Charlie Bianco f'ismu u ghad-ditta C. Bianco Auto Dealer**

**vs**

**Natasha Mercieca**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Jannar 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u disgha u disghin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm499.32) rapprezentanti mport ta' sitt kambjali ta' Lm83.22 il-wahda li mmaturaw fit-30 ta' kull xahar bejn Ottubru 2000 u Dicembru 2002.
Bl-ispejjes, nkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-Avviz, u bl-imghax pagabbli mid-data tal-maturita' tal-kambjali sal-effettiv pagament, kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' John Sultana, ghall-attur, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u disgha u disghin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm499.32), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, nkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenuta skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------